Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 22 ta' Frar 2019**
**(OR. en)**

**6439/19**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2019/0038(NLE)**

**ECO 27**
**ENT 41**
**MI 155**
**UNECE 5**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Nru dok. Cion: | 6311/19 + ADD1 |
| Suġġett: | Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitati rilevanti tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward tal-proposti għal modifiki tar-Regolamenti tan-NU Nri 0, 3, 4, 6, 7, 9, 10, 19, 23, 27, 38, 41, 48, 50, 51, 53, 55, 58, 62, 67, 69, 70, 73, 74, 77, 86, 87, 91, 92, 98, 104, 106, 107, 110, 112, 113, 116, 119, 122, 123 u 128, fir-rigward tal-proposta għal emenda għar-Riżoluzzjoni Konsolidata R.E.5, fir-rigward tal-proposti għal erba' Regolamenti ġodda tan-NU, u fir-rigward tal-proposta għal emenda għall-Iskeda 4 tal-Ftehim tal-1958<br>- Adozzjoni |

1. Fl-11 ta' Frar 2019 il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta msemmija hawn fuq.

2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar Armonizzazzjoni Teknika (Vetturi bil-Mutur) kien diġà eżamina din il-proposta fil-21 ta' Jannar 2019 abbażi ta' kopji preliminari. Wara l-adozzjoni formali tal-proposta mill-Kummissjoni, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Armonizzazzjoni Teknika (Vetturi bil-Mutur) ġie kkonsultat permezz ta' proċedura ta 'silenzju mill-14 sal-20 ta' Frar 2019. Id-delegazzjonijiet kollha qablu mat-test ta' din il-proposta.

3. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden:

– jikkonferma l-qbil li ntlaħaq mill-Grupp ta' Ħidma,

– jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta, fil-parti "A" tal-aġenda tiegħu f'laqgħa li jmiss, it-test ta' din id-Deċiżjoni kif jinsab fid-dokument 6334/19 wara l-finalizzazzjoni tiegħu mill-ġuristi-lingwisti.

4. F'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE, is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ser jgħarraf lill-Parlament Ewropew bl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.